**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024**

**Talba Nru: 72/2023MD**

**Coleiro General Supplies (C-3429)**

**Vs**

**Justin James Grima (KI 124295M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-8 ta' Marzu, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat sabiex iħallas is-somma ta' elf, ħames mija, tmintax-il Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżimu (€1,518.78) rappreżentanti prezz ta' provvisti li nxtraw mill-konvenut mingħand is-soċjeta' attriċi; bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, tal-ittra uffiċjali bin-numru 1347/21 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħax minn meta l-ammont ġie dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher għas-seduti tal-14 ta' Marzu, 2024[2], tat-18 ta' April, 2024[3], u tat-23 ta' April, 2024[4].

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 17 tal-proċess.
[3] *A fol* 18 *et seq* tal-proċess.
[4] A fol 21 tal-proċess.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-18 ta' April, 2024[5] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tat-23 ta' April, 2024.[6]

Ra x-xhieda ta' Louis Coleiro[7] li kkonferma li l-ammont ta' elf, ħames mija, tmintax-il Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżimu (€1,518.78) għadu dovut mil-konvenut lis-soċjeta' attriċi, kif jirriżulta mill-fatturi li ppreżenta[8] u li l-aħħar fattura intbagħtet fit-2 ta' April, 2019.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Louis Coleiro u l-fatturi ppreżentati minnu[9] li jindika l-bilanċ dovut għal-prodotti mixtrija mil-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' elf, ħames mija, tmintax-il Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżimu (€1,518.78) rappreżentanti prezz ta' provvisti li nxtraw mill-konvenut mingħand is-soċjeta' attriċi, bl-imgħax dekorribbli mit-2 ta' April, 2019[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, tal-ittra uffiċjali bin-numru 1347/21[11], u tal-mandat kawtelatorju imressaq kontestwalment mal-kawża odjerna jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[5] *A fol* 20 tal-proċess.
[6] *A fol* 21 tal-proċess.
[7] *Ibid*, xhieda datata 23 ta' April, 2024.
[8] *A fol* 22 *et seq* tal-proċess.
[9] *A fol* 21 *et seq* tal-proċess.
[10] Data skont l-aħħar fattura, *a fol* 52 tal-proċess.
[11] A fol 53 *et seq* tal-proċess.